**Nru. 943**

**MINISTRU GHALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

**Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, Leġislazzjoni Sussidjarja, 437.101**

*Identifikazzjoni u Reġistrazzjoni Elettronika tal-Klieb biex Tinħargilhom Liċenzja ta' Darba f'Ħajjithom – Ħlasijiet Involuti*

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija mill-Artiklu 5(6) tal- Leġiżlazzjoni Sussidjarja 437.101, id-Direttur għas-Servizzi Veterinarji jinnotifika li r-rati għar-reġistrazzjoni tal-identifikazzjoni elettronika tal-klieb għall-ħruġ ta' liċenzja ta' darba f'ħajjet il-kelb maħruġa mill-istess Direttur hawn imsemmi, skont ir-Regolamanti dwar l-Identifkazzjoni Elettronika tal-Klieb, Legiżlazzjoni Sussidjarja 437.101, huma hekk kif ġejjin:

Ħlasijiet involuti għal-licenzja ta' darba f'ħajjet il-kelb

| | *Neutered* | *Non-Neutered* |
|---|---|---|
| Mikroċip u l-applikazzjoni tiegħu | €5 | €5 |
| Reġistrazzjoni tal-kelb fuq id-database mill-Kirurgu Veterinarju | €5 | €15 |
| Ħlas totali li jrid iħallas il-klijent | €10 | €20 |
| **Krediti u Debiti mill-Gvern għall-Kirurgu Veterinarju** | **+€5** | **-€5** |

Għar-reġistrazzjoni ta' kull kelb neutered u mikroċippjat, id-direttur jikkredita fil-kont tal-kirurgu veterinarju €5, filwaqt li għar-reġistrazzjoni ta' kull kelb mhux neutered, id-Direttur jiddebita fil-kont tal-Kirurgu Veterinarju €5. Il-bilanċ li jirriżulta bejn il-kretti u d-debiti se jintbagħat bħala rikjesta ta' pagament kull tliet xhur. Ittra biex tfakkar għall-pagament terġa' tintbagħat wara 30 ġurnata u t-tieni ittra biex tfakkar il-kirurgu veterinarju terġa' tintbagħat wara 30 ġurnata oħra. Jekk il-kontijiet pendenti ma jitħallsux wara dawn in-notifiki, il-kirurgu veterinarju se jkollu jħallas interessi ta' 5% fuq dawn il-kontijiet pendenti.

Kirurgi veterinarji għandhom iħallsu d-djun tagħhom skont l-istruzzjonijiet mogħtija mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

It-13 ta' Awwissu, 2020